MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Appell Civili Numru. 540/2005/1

**Maria Xuereb, Anne Xuereb, Mary Xuereb, Josephine Xuereb, Charles Xuereb u Helen Mercieca**

**vs**

**Anthony Cardona u martu Carmen Cardona u Christopher Cardona**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Gunju, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fl-1 ta' Novembru 2005 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom jew min minnhom dik is-somma li ghad trid tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti okkorrendo permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti l-

valur ta' danni kagunati minnhom ilkoll jew min minnhom fil-fond proprjeta' tal-atturi li jgib l-indirizz 63/64 Msida Street, B'Kara qabel ma ghaddew l-istess fond lura lill-istess sidien atturi in forza ta' sentenza moghtija minn dina l-Qorti datata 11 ta' Lulju 2005 prevja dikjarazzjoni ta' responsabbilta' fil-konfront taghhom jew min minnhom ghal tali akkadut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta ittra ufficjali datata 30 ta' Settembru 2005 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni oltre bl-interessi legali sad-data tal-eventwali pagament effettiv ghas-saldu. Ghal finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-valur pretiz huwa dak bejn is-somma ta' elf u hames mitt lira u hamest elef lira.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi, preliminarjament, l-eccipjenti Anthony u Carmen konjugi Cardona ghandhom jigu lliberati minnufih mill-osservanza tal-gudizzju u dana stante illi huma qatt m'okkupaw il-fond in kwistjoni;

2. Illi l-eccipjenti kollha jeccepixxu illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huma la kkagunaw l-ebda danni fl-imsemmi fond u lanqas hadu oggetti minnu u dana hekk kif ser jippruvaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

3. Illi l-eccipjenti jecepixxi illi fiz-zamma u l-okkupazzjoni ta' l-imsemmi fond huma dejjem ezercitaw id-*'diligentia bonus paterfamilias'* u ghalhekk huma m'ghandhomx jigu tenuti responsabbli ghall-ebda danni;

4. Illi minghajr ebda pregudizzjoni ghas-sueccepit id-danni mitluba mill-atturi huma fi kwalunkwe kaz eccessivi;

5. Illi wkoll minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit l-eccipjenti jecepixxu illi l-atturi ma jistghux jitolbu interessi stante illi ghadhom huma stess lanqas illikwidaw is-somma li huma qed jippretendu;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkoncerna talba ghar-risarciment tad-danni kagunati mill-konvenuti fil-fond 63/64 Imsida Street, B'Kara wara illi gew ordnati jizgumbraw minn dan il-fond b'decizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati.

Irrizulta mill-provi illi permezz ta' sentenza tal-11 ta' Lulju 2005 il-konvenut Christopher Cardona iben il-konvenuti l-ohra kien gie ordnat jizgombra mill-fond 63/64 Imsida Street, B'Kara. Din l-ordni giet esegwita u c-cavetta eventwalment moghtija lis-sidien. Meta Maria Xuereb u Carmelo Mercieca marru fil-fond ikkonstataw diversi hsarat li halla warajh Christopher Cardona qabel ma hareg mill-fond. Filwaqt li rrizulta illi l-konvenuti Anthony Cardona u martu Carmen Cardona ma kienux joqghodu fil-fond u lanqas ma kellhom x'jaqsmu mieghu, huma ghenu lit-tifel taghhom Christopher johrog mill-fond u jitrasporta l-ghamara illi kien hemm go fih.

Ikkunsidrat:

L-ahhar kerrejja rikonoxxuta kienet Carmen Micallef halliet disposizzjoni testimonarja li l-proprjeta' mobbli kollha go 'l fuq imsemmi fond, mill-ghatba l-gewwa tkun ta' Carmen Cardona u hutha. Il-konvenuti nterpretaw din il-klawsola bhala dak kollu li seta' jittiehed mill-fond. Tant hu hekk illi *'ex admissis'* qalghu anke l-antiporta u bozoz tal-hgieg. Jidher li f'din l-operazzjoni giet ikkawzata hafna hsara. Ir-ritratti a fol 21 u 22 juru l-hsarat subiti fejn jidher gebel imkisser, wires maqlughin mill-hajt, hsarat fuq il-bibien, hsarat fil-gnien u anke pajpijiet ta' l-*air-conditioning* ta' terzi ghaddej fl-opramorta fuq in-naha tal-fond in kwistjoni.

Minkejja illi l-konvenuti nnegaw illi huma ghamlu hsarat fil-fond, ir-ritratti u r-rapport tal-Perit Godwin Abela illi kien sar xi zmien qabel, juri li ma tantx uzaw id-diligenza *'bonus pater familias'* sabiex huma jindukraw il-proprjeta' ta' haddiehor. Il-Qorti taghmel referenza ghall-prospett esebit mill-atturi a fol 27 fejn qeghdin jippretendu c-cifra ta' Lm3,427. Dan il-prospett mhuwiex maghmul minn bniedem tekniku u lanqas ma gew gustifikati c-cifri ndikati, izda l-Qorti hija konvinta illi kollox ma' kollox il-konvenuti hallew hafna hsarat fil-fond. Veru illi l-konvenuti Anthony u martu Carmen Cardona ma kienux joqghodu fil-fond, izda huma xehedu illi ghenu lit-tifel taghhom Christopher johrog l-ghamara u l-attrezzi kollha mill-fond, fi zmien kritiku meta saret il-hsara, quindi huma wkoll ghandhom ikunu responsabbli ghall-hsarat subiti. Il-gustifikazzjoni taghhom illi hafna mill-hsarat saru mill-inkwilina precedenti Carmen Micallef jew inkella kawzati minn sajjetta mhijiex verosimili u l-Qorti tissuspetta ferm kemm huwa minnu illi seta' gara dan, pero' min naha l-ohra lanqas ma tista' taccetta c-cifra li ppretendew l-atturi. Peress illi l-prospett mhuwiex wiehed tekniku u lanqas ma huwa korroborat bi stimi jew rcevuti, ghalhekk sejra takkorda cifra '*arbitrio bono viri'* fis-somma ta' tlett elef u hames mitt euro (€3,500).

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi. Tiddikjara lill-konvenuti solidalment bejniethom responsabbli ghad-danni subiti fil-fond 63/64 Msida Street, B'Kara liema fond kien fil-pussess tal-konvenut Christopher Cardona qabel ma gie f'idejn l-atturi. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt euro (€3,500) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma fuq indikata. Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenuti."

L-appell tal-konvenuti fl-impunjattiva taghhom ta' din is-sentenza hu fis-sens li gej:-

(1) Fil-kaz ta’ l-appellanti Anthony u Carmen konjugi Cardona dawn ma humiex il-legittimi kontradItturi kemm ghaliex huma qatt ma kienu inkwilini tal-fond, kif ukoll ghal raguni illi huma ma kkawzaw ebda dannu fil-mument meta assistew lil binhom, il-konvenut l-iehor f’din il-kawza, meta gew biex jitraslokaw hwejjighom mill-fond;

(2) Ma gie stabbilit ebda ness bejn xi kondotta taghhom u l-fatt illecitu dannuz;

(3) Gjaladarba l-atturi ma pprovawx id-danni l-ewwel Qorti ma setghet qatt tillikwida xi tip ta’ danni favur taghhom, lanqas *arbitrio boni viri*;

(4) Il-Qorti marret *ultra petita* meta adottat ir-regola tas-solidarjeta`. Dan, huma jsostnuh, ghaliex mill-att promotorju ta’ l-Avviz ma kienx hemm talba f’dan is-sens u, dippju, l-adozzjoni taghha ma kienetx tohrog mil-ligi u lanqas giet miftehma espressament bejn il-kontendenti;

Il-Qorti behsiebha twiegeb ghal dawn l-aggravji skond l-ordni li fiha gew sollevati mill-appellanti;

Fuq il-fatti kif accertati mill-ewwel Qorti, liema verifika hi wkoll kondiviza minn din il-Qorti, l-incidenza tal-hsarat fil-fond maggorment avverat meta kienu qeghdin jinhargu l-effetti mobili mill-fond wara l-ordni *ope sententiae* ta’ l-izgumbrament tal-konvenut u inkwilin Christopher Cardona. Dawn l-effetti mobili kienu thallew lill-konvenuta Carmen Cardona u lil hutha mis-successjoni ta’ zijithom Nina Micallef, gja inkwilina ta’ l-istess fond. L-atti juru illi l-konvenuti kollha, bla ebda eskluzjoni, ippartecipaw fil-process tat-traslok ta’ dawk l-effetti;

F’diversi disposizzjonijiet tieghu l-Kodici Civili jikkonsagra l-principju tar-responsabilita` tal-kerrej relattivament ghat-tgharriq jew hsarat li jigru matul il-kors tat-tgawdija jew anke b’eghmil ta’ terzi. Ara in partikolari Artikoli 1561,

1562 u 1563 ta' l-istess Kodici. Konformement ghal gurisprudenza pacifika jinsab enuncjat illi "*il conduttore è responsabile dei deterioramenti e dei danni che succedono durante la sua detenzione ed il godimento del fondo finche l'affituario non provi che tali danni siano avvenuti senza sua colpa; e tale responsabilita` dell'affittuario si estende anche ai danni ed ai deterioramenti dovuti al fatto delle persone della sua famiglia, dei suoi ospiti, domestici e subconduttori*" ("**Gaetano Busuttil -vs- Francesco Gambin**", Appell Civili, 28 ta' Frar, 1912);

Jinzel minn dan, illi l-konvenut Christopher Cardona huwa, bla dubju, responsabbli ghall-hsarat rizultanti fil-fond wara li jkun hareg minnu. Ara wkoll id-decizjoni fl-ismijiet "**Philip Aquilina -vs- William Caligari**", Appell Inferjuri, 24 ta' Marzu, 2000. Dan ma jfisserx illi ghaliex l-appellanti l-ohra konjugi Cardona ma kienux huma wkoll inkwilini tal-fond dawn huma hekk ezonerati ghal dik ir-raguni milli jirrispondu ghall-hsarat li jkunu sehhew meta jinstab, kif inhu l-kaz hawnhekk, illi l-attivita` taghhom f'dak l-istess fond mikri tkun f'rapport mad-determinazzjoni tad-dannu. Bi twegiba wkoll ghat-tieni ilment jinghad li din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, hi sodisfatta mill-kumpless tal-provi u tac-cirkostanzi tal-kaz, illi, oggettivament, l-imgieba taghhom, fil-mument u l-process ta' l-izgumbrament, kienet hi wkoll il-kawza diretta u immedjata ta' l-event tal-hsarat. Bhall-ewwel Qorti wkoll, din il-Qorti ma hi xejn konvinta illi l-appellanti ressqu elementi perswasivi ta' prova biex jinnewtralizzaw l-imputabilita` tal-fatt dannuz attribwit lilhom mill-atturi;

Fuq it-tielet motiv ta' aggravju jigi, qabel xejn, konsiderat illi din il-Qorti taqbel ma' l-appellanti fejn dawn issottomettew illi mhux bizzejjed li wiehed jipprova r-responsabilita` ghaliex jokkorri li jigu pprovati wkoll id-danni. Fil-kuntest hi ta' rilevanza l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, illi l-fatt biss tad-dikjarazzjoni tar-responsabilita` ghad-danni ma jfisserx necessarjament li

d-danni tassew jezistu. Ara "**Mckay -vs- Borg**", 28 ta' Jannar, 1966;

Aparti dan il-principju, mill-kumplament l-aggravju mhux fondat. Mill-atti jirrizulta illi l-attrici ssodisfat l-oneru impost fuqha li tforni dawk l-irjus tad-danni li hi tghid li sofriet. Dan ghamlitu permezz ta' prospett esebit a fol. 27 tal-process. Il-Qorti dan ma accettatux ghax ma kienx sopportat minn perizja ta' bniedem tekniku kwalifikat jew minn dokumenti u ghaddiet biex tapplika l-gudizzju taghha *arbitrio boni viri*. Dan fuq il-konsiderazzjoni ta' l-istess fatti elenkati mill-atturi f'dak il-prospett u dawk tar-rizultanzi istruttorji. Skond il-gurisprudenza gudizzju bhal dan b'apprezzament *ex aequo et bono* seta' jsir ghax tali kien jaqa' fid-diskrezzjonalita` tat-tribunal. Ara a propozitu d-decizjoni tal-Qorti tal-Kummerc a **Vol. XXXV P III p 615**, fost ohrajn. Ghal din ir-raguni l-aggravju qed jigi dikjarat infondat;

Fuq il-kwestjoni tas-solidarjeta mqanqla bl-ahhar aggravju jrid jinghad l-ewwelnett illi l-vinkolu tas-solidarjeta` li jorbot flimkien il-ko-awturi ta' fatt dannuz jimporta l-ezistenza ta' azzjonijiet, anke diversi, u minn soggetti diversi responsabbli, anke talvolta indipendentement minn xulxin, jekk, fl-assjem, dawk l-azzjonijiet ikunu konkorrenti ghall-produzzjoni tad-dannu;

Jinsab statwit mill-**Qorti ta' Kassazzjoni Taljana** (**4 ta' Dicembru, 1991, Numru 13039**) illi "*in tema di responsabilita` risarcitoria, contrattuale ed extra-contrattuale, se l'unico evento dannoso è imputabile a più persone, è sufficiente, al fine di ritenere la solidarietà di tutte nell' obbligo di risaricimento, che le azioni e le omissioni di ciascuno abbiano concorso in modo efficiente a produrre l'evento, a nulla rilevando che costituiscono autonomi e distinti fatti illeciti, o violazioni di norme giuridiche diverse*";

Kuntrarjament ghal dak dedott mill-appellanti, ma tezisti ebda "ultra petizzjoni" ghaliex l-atturi appellanti talbu bl-Avviz taghhom il-kundanna solidali tal-konvenuti. Ankorke ma kienx hemm talba bhal din, il-Qorti setghet dejjem, fl-impossibilita` li tirrikonoxxi f'liema mizura kull wiehed mill-konvenuti, ikun ippartecipa fl-effettwazzjoni tal-fatt dannuz, tqishom responsabbli solidalment, "ukoll jekk ilkoll jew xi whud minnhom ma jkunux imxew dolozament" [Artikolu 1051 (1), Kodici Civili; "**Michael Cini -vs- Joseph Carabott *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Jannar, 1965). Fil-kaz in ezami l-event dannuz huwa askrivibbli lit-tliet konvenuti flimkien u din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti li tikkundannahom solidalment. Anke, allura, dan l-ahhar aggravju ma jistax jitqies sostenibbli.

Ghal dawn il-konsiderazzjonijiet kollha predetti din il-Qorti qed tichad l-appell fl-aggravji kollha tieghu u tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti, bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------